08/03/2023

ESMA70-460-213

# Linji Gwida

**Dwar formoli, formati u mudelli standard sabiex wieħed ikun jista' japplika għal permess biex iopera infrastruttura tas-suq DLT**

# Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni ..... 3

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet ..... 4

III. Għan ..... 6

IV. Obbligi ta' konformità u rapportar ..... 7

V. Linji Gwida dwar formoli, formati u mudelli standard sabiex wieħed ikun jista' japplika għal permess biex jopera infrastruttura tas-suq tad-DLT ..... 8

VI. Anness għal-Linji Gwida ..... 11

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 2(21) tar-Regolament (UE) 2022/858 u għall-applikanti għal permessi speċifiċi biex joperaw infrastrutturi tas-suq tad-DLT kif definiti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2022/858 (DLT MIs).

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward ta' formoli, formati u mudelli standard, li għandhom jintużaw biex tiġi sottomessa informazzjoni sabiex wieħed japplika għal kwalunkwe permess speċifiku biex jopera DLT MI, jiġifieri: Faċilità Multilaterali tan-Negozjar tad-DLT (DLT MTF), Sistema tas-Saldu DLT (DLT SS) u Sistema tan-Negozjar u tas-Saldu tad-DLT (DLT TSS), kif meħtieġ mill-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament (UE) 2022/858 rispettivament.

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-23 ta' Marzu 2023.

## II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet

### Referenzi leġiżlattivi

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/394* | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/394 tal-11 ta' Novembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-formoli u l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni, ir-rieżami u l-evalwazzjoni tad-depożitorji ċentrali tat-titoli, għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti, għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet involuti fl-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi anċillari ta' tip bankarju, għal aċċess li jinvolvu depożitorji ċentrali tat-titoli, u fir-rigward tal-format tar-rekords li għandhom jinżammu mid-depożitarji tat-titoli ċentrali skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 10.3.2017, p. 145) |
| *Id-Direttiva 2014/65/UE* | Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349) (MiFID II) |
| *Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014* | Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (p. 84–148) (MiFIR) |
| *Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014* | Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1) (CSDR) |
| *Ir-Regolament tal-ESMA jew ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010* | Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84) |

| | |
|---|---|
| *Ir-Regolament (UE) Nru 2022/858* | Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 1) (DLTR) |

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *DLT* | Teknoloġija ta' Reġistru Distribwit |
| *DLT MI* | Infrastruttura tas-Suq tad-DLT |
| *DLT MTF* | Faċilità Multilaterali tan-Negozjar tad-DLT |
| *DLT SS* | Sistema tas-Saldu tad-DLT |
| *DLT TSS* | Sistema tan-Negozjar u tas-Saldu tad-DLT |
| *EBA* | Awtorità Bankarja Ewropea |
| *EIOPA* | Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol |
| *ESMA* | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *SESF* | Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja |
| *UE* | Unjoni Ewropea |

# III. Għan

4. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA u l-Artikoli 8(5), 9(5) u 10(6) tar-Regolament (UE) 2022/858.

5. L-objettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-SESF u li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikoli 8(4), 9(4) u 10(4) tar-Regolament (UE) 2022/858. B'mod partikolari, għandhom l-għan li jistabbilixxu forom, formati u mudelli standard sabiex wieħed ikun jista' japplika għal permessi speċifiċi biex jopera infrastrutturi tas-suq tad-DLT.

6. Minbarra l-informazzjoni li tissemma f'dawn il-Linji Gwida, f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/858, l-applikanti li jridu permess speċifiku biex joperaw DLT MTF, DLT SS jew DLT TSS huma mfakkra li jista' jkollhom jippreżentaw simultanjament informazzjoni ulterjuri biex japplikaw bħala CSD jew bħala ditta ta' investiment jew biex joperaw suq regolat jew biex juru konformità mad-Direttiva 2014/65/UE jew mar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ara l-Artikoli 8(3), 9(3) u 10(3) u (5) tar-Regolament (UE) 2022/858). Tali informazzjoni ulterjuri mhijiex koperta minn dawn il-Linji Gwida.

# IV. Obbligi ta' konformità u rapportar

## Status tal-linji gwida

7. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

8. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwidi partikolari jkunu primarjament diretti għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, permezz tas-superviżjoni tagħhom, li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-linji gwida.

## Obbligi ta' rapportar

9. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jridu jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhomx l-intenzjoni li jikkonformaw mal-linji gwida.

10. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.

11. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

12. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

# V. Linji Gwida dwar formoli, formati u mudelli standard sabiex wieħed ikun jista’ japplika għal permess biex jopera infrastruttura tas-suq tad-DLT

**Linja Gwida 1: Struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti**

13. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha struzzjonijiet dwar kif wieħed għandu jissottometti applikazzjoni għal permess speċifiku biex iħaddem DLT MI, u dawn għandhom jinkludu t-tabelli inklużi fl-Anness.

14. B’mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw fuq is-sit web tagħhom jekk il-formoli tal-applikazzjoni mimlija kif meħtieġ, in-notifiki u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali relatata għandhomx jiġu sottomessi fuq mezz durabbli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw fuq is-siti web tagħhom jekk il-formoli tal-applikazzjoni mimlija kif meħtieġ, in-notifiki u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali relatata għandhomx jiġu sottomessi f’għamla ta’ dokument fiżiku, b’mod elettroniku, jew it-tnejn li huma.

15. Għall-finijiet ta’ dawn il-linji gwida, “mezz durabbli” jfisser kwalunkwe strument li jippermetti l-ħażna tal-informazzjoni b’mod li jkun aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta’ żmien adegwat għall-finijiet ta’ informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna

16. L-awtorità kompetenti għandha tindika fuq is-sit web tagħha l-lingwi li jistgħu jintużaw biex bihom jimtela l-mudell. Meta jitqies li diversi awtoritajiet jistgħu jkunu involuti fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, l-awtorità kompetenti tista’ tirrakkomanda lill-applikant biex jissottometti l-istess informazzjoni b’lingwa li tintuża fl-isfera tal-finanzi internazzjonali.

17. L-awtorità kompetenti għandha tindika wkoll punt ta’ kuntatt għall-ġestjoni tal-informazzjoni kollha riċevuta minn kwalunkwe applikant li jfittex il-permess biex jopera DLT MI. Id-dettalji ta’ kuntatt tal-punt ta’ kuntatt maħtur għandhom jiġu ppubblikati u aġġornati regolarment fuq is-siti web tal-awtoritajiet kompetenti.

**Linja Gwida 2: Sottomissjoni tal-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti**

18. Meta wieħed japplika għal permess speċifiku sabiex jopera DLT MI, l-applikanti kollha għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni li ġejja:
    a. Tabella 1 tal-Anness: Informazzjoni ġenerali dwar l-applikant; u
    b. Tabella 2 tal-Anness: Informazzjoni ġenerali li għandha tiġi inkluża f’applikazzjoni għal permess biex jitħaddmu DLT MTF, DLT SS jew DLT TSS.

19. Skont l-istatus regolatorju tal-applikant u n-natura tat-talba għall-applikazzjoni tiegħu, għandhom jiġu pprovduti t-Tabella 3 u/jew it-Tabella 4 tal-Anness, kif ġej:

a. Fejn l-applikant huwa jew ikun biħsiebu li jiġi awtorizzat bħala ditta tal-investiment jew li jopera suq regolat skont id-Direttiva 2014/65/UE u jkollu l-ħsieb li jopera DLT MTF jew DLT TSS, għandu jipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt:

| Permess mitlub | Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta |
|---|---|
| **1 - Permess biex titħaddem DLT MTF f'konformità mal-Artikolu 8(1) jew 8(2) tar-Regolament (UE) 2022/858** | Għal talba/talbiet ta' eżenzjoni mid-Direttiva 2014/65/UE u mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/858: **Tabella 3** |
| **2 - Permess biex titħaddem DLT TSS f'konformità mal-Artikolu 10(1) jew 10(2) tar-Regolament (UE) 2022/858** | Għal talba/talbiet ta' eżenzjoni mid-Direttiva 2014/65/UE u mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/858: **Tabella 3**<br>Għal talba/talbiet ta' eżenzjoni mir-Regolament (UE) Nru 909/2014 skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2022/858: **Tabella 4** |

b. Fejn l-applikant huwa jew ikun biħsiebu li jiġi awtorizzat bħala CSD skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u jkun biħsiebu li jopera DLT SS jew DLT TSS, għandu jipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt:

| Permess mitlub | Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta |
|---|---|
| **1 - Permess biex titħaddem DLT SS f'konformità mal-Artikolu 9(1) jew 9(2) tar-Regolament (UE) 2022/858** | Għal talba/talbiet ta' eżenzjoni mir-Regolament (UE) Nru 909/2014 skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2022/858: **Tabella 4** |
| **2 - Permess biex titħaddem DLT TSS f'konformità mal-Artikolu 10(1) jew 10(2) tar-Regolament (UE) 2022/858** | **Għal talba/talbiet ta' eżenzjoni mid-Direttiva 2014/65/UE u mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/858: Tabella 3**<br>**Għal talba/talbiet ta' eżenzjoni mir-Regolament (UE) Nru 909/2014 skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2022/858: Tabella 4** |

20. Għal kull dokument elenkat fit-Tabelli 2, 3 jew 4 l-applikant għandu jidentifika mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
    a. in-numru ta' referenza uniku ta' kull dokument;
    b. it-titolu ta' kull dokument;
    c. il-kapitolu, it-taqsima jew il-paġna ta' kull dokument fejn tinsab l-informazzjoni rilevanti.

21. Fejn meħtieġ u sabiex tiġi evitata l-preżentazzjoni tal-istess informazzjoni jew dokument darbtejn, l-applikanti għandhom jirreferu għall-informazzjoni jew għad-dokument rilevanti sottomessi taħt parti differenti tal-fajl tal-applikazzjoni tagħhom.

22. Meta l-applikant iqis li dik l-informazzjoni flimkien ma' dik li għandha tiġi pprovduta taħt it-Tabella 2, it-Tabella 3 jew it-Tabella 4 hija rilevanti għall-finijiet tal-permess speċifiku, l-applikant jista' jissottometti dokumenti speċifiċi addizzjonali.

# VI. Anness għal-Linji Gwida

*Tabella 1*

**Informazzjoni ġenerali**

| Tip ta' informazzjoni | Format |
|---|---|
| Data ta' applikazzjoni | Id-data tal-ISO 8601 fil-format SSSS-XX-JJ |
| ***Identifikazzjoni tal-applikant;*** | |
| L-isem korporattiv tal-applikant | Test liberu |
| Identifikatur ta' Entità Ġuridika tal-applikant | Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) skont l-ISO 17442, kodiċi b'20 karattru alfanumeriku |
| segment MIC (applikabbi għad-DLT MTFs jew għad-DLT TSS) | Identifikatur tas-suq kif definit fl-ISO 10383 |
| L-indirizz irreġistrat tal-applikant | Test liberu |
| Dettalji ta' kuntatt tal-persuna tal-applikant responsabbli mill-applikazzjoni | Isem:<br>Funzjoni:<br>Numru tat-telefon:<br>Indirizz tal-email: |
| ***Identifikazzjoni tal-applikazzjoni*** | |
| Natura tal-applikazzjoni | *Immarka l-kaxxa rilevanti.*<br>**Permess inizjali** sabiex jiġi operat:<br>□ DLT MTF skont l-Artikolu 8(1) jew 8(2) tad-DLTR<br>□ DLT SS skont l-Artikolu 9(1) jew 9(2) tad-DLTR<br>□ DLT TSS skont l-Artikolu 10(1) jew 10(2) tad-DLTR<br><br>□ **Bidla** għal permess biex titħaddem DLT MI minħabba bidla materjali fil-funzjonament, fis-servizzi jew fl-attivitajiet tad-DLT skont l-Artikoli 8(13), 9(13) u 10(13) tad-DLTR<br><br>Referenza tal-awtorizzazzjoni<br>Data: |

| | |
|---|---|
| Meta diġà miksuba mill-applikant, awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2014/65/UE jew ir-Regolament (UE) 909/2014 | *Immarka l-kaxxa rilevanti*<br>□ Ditta ta' investiment skont id-Direttiva 2014/65/UE<br>Fejn disponibbli, ir-referenza tal-awtorizzazzjoni:<br>Data:<br>□ Operatur tas-suq skont id-Direttiva 2014/65/UE<br>Fejn disponibbli, ir-referenza tal-awtorizzazzjoni:<br>Data:<br>□ CSD skont ir-Regolament (UE) 909/2014<br>Fejn disponibbli, ir-referenza tal-awtorizzazzjoni:<br>Data:<br>□ L-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq. |
| Post/Postijiet tan-negozjar jew SSS li l-applikant jopera jew biħsiebu jopera (fejn applikabbli) | *Immarka l-kaxxa rilevanti u jekk jogħġbok irrepeti l-entrati (isem u MIC) fejn l-applikant imexxi aktar minn TV wieħed għal kull tip*<br>□ MTF<br>L-isem tal-MTF/MIC:<br>□ Suq Regolat<br>L-isem tas-suq regolat/tal-MIC:<br>□ OTF<br>L-isem tal-OTF/MIC:<br>□ Sistema ta' saldu tat-titoli (SSS)<br>L-isem tal-SSS: |
| Applikazzjoni simultanja skont id-Direttiva 2014/65/UE jew ir-Regolament (UE) 909/2014 | *Immarka l-kaxxa rilevanti*<br>□ Ditta ta' investiment skont id-Direttiva 2014/65/UE<br>Fejn disponibbli, in-numru ta' referenza tal-applikazzjoni:<br>Data tas-sottomissjoni:<br>□ Operatur tas-suq skont id-Direttiva 2014/65/UE<br>Fejn disponibbli, referenza tal-applikazzjoni:<br>Data:<br>□ CSD skont ir-Regolament (UE) 909/2014<br>Fejn disponibbli, in-numru ta' referenza tal-applikazzjoni:<br>Data tas-sottomissjoni:<br>□ L-ebda waħda minn dawn ta' hawn fuq |
| Lista ta' dokumenti u annessi pprovduti | □ Tabella 1<br>□ Tabella 2<br>□ Tabella 3<br>□ Tabella 4 |

| | |
|---|---|
| | □ Dokumenti oħra (jekk jogħġbok ipprovdi lista) |
| ***Status legali tal-applikant*** | |
| Il-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni u dokumentazzjoni kostituzzjonali u statutorja oħra | [numru ta' referenza uniku tad-dokument(i)] |
| Silta mir-reġistru kummerċjali jew mir-reġistru tal-qorti rilevanti, jew forom oħra ta' evidenza ċċertifikata tal-indirizz legali u tal-attività tan-negozju tal-applikant li għandhom ikunu validi fid-data tal-applikazzjoni | [numru ta' referenza uniku tad-dokument(i)] |
| Kopja tad-deċiżjoni tal-korp maniġerjali dwar l-applikazzjoni u l-minuti tal-laqgħa li fiha l-korp maniġerjali approva l-fajl tal-applikazzjoni u s-sottomissjoni tiegħu | [numru ta' referenza uniku tad-dokument(i)] |

*Tabella 2*

**Informazzjoni li għandha tiġi inkluża f'applikazzjoni għal permess biex jitħaddmu DLT MTF, DLT SS jew DLT TSS**

| Għandha tiġi sottomessa informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8(4), 9(4) u 10(4) tar-Regolament (UE) 2022/858 | Deskrizzjoni u/jew numru ta' referenza uniku tad-dokument fejn tista' tinstab l-informazzjoni | Titolu tad-dokument | Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn ġiet ipprovduta l-informazzjoni jew ir-raġuni għaliex l-informazzjoni ma ġietx ipprovduta |
|---|---|---|---|
| ***(a)*** **Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-applikant, ir-regoli tad-DLT MI u kwalunkwe terminu legali kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2022/858** | | | |
| ***<u>Pjan ta' direzzjoni tan-negozju</u> li jiddeskrivi kif l-applikant biħsiebu jwettaq is-servizzi u l-attivitajiet tiegħu.*** | | | |
| *Jekk jogħġbok ipprovdi wkoll informazzjoni speċifika dwar l-aspetti li ġejjin:* | | | |
| Deskrizzjoni tal-persunal kritiku<br>*Dan għandu jinkludi deskrizzjoni ta' liema persunal jitqies bħala kritiku u tar-rwol tagħhom għal kull qasam (IT, kontroll intern, ġestjoni tar-riskju, eċċ.)* | | | |
| Tip ta' klijenti fil-mira (status, post ġeografiku) | | | |
| Deskrizzjoni tal-aspetti tekniċi<br>*Dan għandu jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-implimentazzjoni teknika tad-DLT: infrastruttura ta' appoġġ (sistemi, networks, applikazzjonijiet eċċ.), arranġamenti ta' partijiet terzi inkluż ukoll dijagrammi tal-fluss tad-data u tan-network. Jekk xi waħda minn dawn tkun ibbażata fuq il-cloud, din* | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *għandha tinkludi wkoll informazzjoni speċifika f'konformità mal-linji gwida dwar il-cloud computing tal-ESMA[1].* | | | |
| Deskrizzjoni tal-użu tad-DLT li tipprovdi dettalji dwar l-operat min-naħa tal-utent u min-naħa tal-operaturi (eż. kif u tintuża s-sistema għal liema skop; ir-riżultat/il-vantaġġi mistennija għall-utenti; kif l-utenti jikkonnettjaw mas-sistema) | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |
| ***<u>Regoli</u> li jiddefinixxu d-drittijiet, l-obbligi, ir-responsabbilitajiet u l-obbligazzjonijiet tal-operatur tad-DLT MI, kif ukoll dawk tal-membri, tal-parteċipanti, tal-emittenti u/jew tal-klijenti li jużaw id-DLT MI kkonċenata*** | | | |
| *Jekk jogħġbok ipprovdi wkoll informazzjoni speċifika dwar l-aspetti li ġejjin:* | | | |
| Il-kriterji għall-parteċipazzjoni | | | |
| Il-liġi regolatorja tad-DLT MI | | | |
| Il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim prekontenzjuż | | | |
| Kwalunkwe miżura ta' protezzjoni mill-insolvenza skont id-Direttiva 98/26/KE | | | |
| Il-ġuriżdizzjoni biex tittieħed azzjoni legali | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |
| ***(b)* Informazzjoni dwar il-funzjonament, is-servizzi u l-attivitajiet tad-DLT MI kif imsemmi fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2022/858** | | | |

[1] Final report on Guidelines on outsourcing to cloud service providers, ESMA50-157-2403, 18 ta' Diċembru 2020

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tip ta' Strumenti Finanzjarji tad-DLT innegozjati u/jew saldati | Indika:<br>□ ishma, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2022/858<br><br>□ bonds, forom oħra ta' dejn titolizzat jew strumenti tas-suq tal-flus, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2022/858. Jekk "forma oħra ta' dejn titolizzat", jekk jogħġbok speċifika:<br><br>□ UCITS, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2022/858 | | |
| It-tip ta' DLT użata | Jekk jogħġbok speċifika l-karatteristiċi ewlenin tagħha (diversi għażliet huma permessi):<br>□ bil-permess[2]<br>□ mingħajr permess[3]<br>□ privat[4]<br>□ pubbliku[5]<br>□ karatteristiċi oħrajn: [jekk jogħġbok speċifika] | | |
| Deskrizzjoni ta' kif l-operaturi jwettqu l-funzjonijiet, is-servizzi u l-attivitajiet tagħhom (inkluża deskrizzjoni tal-arranġamenti tal-esternalizzazzjoni jekk ikun hemm) | | | |
| Deskrizzjoni tas-servizzi pprovduti lill-klijenti | | | |

[2] Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, "bil-permess" tfisser network tad-DLT li fih ċerti parteċipanti biss jistgħu jwettqu ċerti funzjonijiet (eż. validazzjoni).
[3] Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, "mingħajr permess" tfisser network fejn kwalunkwe parteċipant jista' jwettaq kwalunkwe funzjoni.
[4] Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, "privat" tfisser network tad-DLT li jistgħu jidħlu fih biss parteċipanti magħżula.
[5] Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, "pubbliku" tfisser network tad-DLT li fih jista' jidħol kulħadd.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni ta' kif il-prestazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet, is-servizzi u l-attivitajiet tiddevja minn dawk imwettqa minn faċilità multilaterali tan-negozjar jew sistema ta' saldu tat-titoli li mhix ibbażata fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit | | | |
| Jekk applikabbli, il-modalità magħżula biex tidentifika u tiddifferenzja l-funzjonijiet, is-servizzi u l-attivitajiet tad-DLT minn dawk imwettqa minn faċilità multilaterali tan-negozjar jew sistema ta' saldu tat-titoli li mhix ibbażata fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |
| ***(c)*** **Informazzjoni dwar il-funzjonament tad-DLT użata, kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2022/858** | | | |
| Informazzjoni dwar ir-regoli dwar il-funzjonament tad-DLT użata | | | |
| Informazzjoni dwar ir-regoli dwar l-aċċess għar-reġistru distribwit | | | |
| Informazzjoni dwar ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni tan-nodu/i ta' validazzjoni | | | |
| Informazzjoni dwar il-proċess ta' validazzjoni ta' tranżazzjonijiet fuq DLT FI | | | |
| Informazzjoni dwar ir-regoli li jindirizzaw jew jidentifikaw kunflitti ta' interess potenzjali | | | |
| Informazzjoni dwar ir-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju inkluż kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |
| ***(d)*** **IT ġenerali u arranġamenti ċibernetiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2022/858** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni tal-kontrolli u tal-arranġamenti fis-seħħ li huma relatati mal-użu tad-DLT u tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT u ta' kwalunkwe *data* maħżuna minn dawk l-operaturi, tal-inqas fir-rigward tal-oqsma li ġejjin:<br>**A - Governanza u strateġija:** kontroll intern u arranġamenti ta' governanza għar-riskji tas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni, kif ukoll strateġija tal-IT u tas-sigurtà tal-informazzjoni<br><br>**B - Ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni**– politiki u proċeduri fis-seħħ biex jidentifikaw u jiġġestixxu kwalunkwe riskju għas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni maħluq mill-użu tad-DLT u tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT<br><br>**C - Arranġamenti u kontrolli għas-sigurtà tal-informazzjoni**implimentati biex jiġu żgurati l-protezzjoni, il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tal-fondi, tal-kollateral u tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT tal-membri, tal-parteċipanti, tal-emittenti ta' klijenti li jużaw id-DLT MI, kif ukoll tal-mezzi ta' aċċess għalihom, inkluż mill-inqas fl-oqsma li ġejjin:<br><br>- kontrolli tas-sigurtà loġika (inklużi s-segregazzjoni tad-dmirijiet, il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, l-arranġamenti ta' separazzjoni loġika eċċ.)<br>- sigurtà fiżika<br>- operazzjonijiet ta' sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni<br>- arranġamenti għall-monitoraġġ tas-sigurtà | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| - rieżamijiet tas-sigurtà, valutazzjoni u ttestjar, taħriġ u sensibilizzazzjoni, u<br>- politiki u proċeduri għall-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà tal-IT u tal-informazzjoni<br>**D - Ċiklu tal-Ħajja ta' Żvilupp ta' Sistema (SDLC), proġett tal-IT u ġestjoni tat-tibdil**: politiki u proċeduri, arranġamenti ta' governanza u kontroll<br><br>**E - Ġestjoni tal-kontinwità tal-operat**: politiki u proċeduri<br><br>**F - Ġestjoni tar-riskju minn partijiet terzi**: politiki u proċeduri, filwaqt li tiġi kkunsidrata wkoll il-gwida pprovduta mil-linji gwida tal-cloud computing tal-ESMA (EBA/EIOPA, skont l-NCA) (fil-każ tal-EBA: il-linji gwida dwar l-esternalizzazzjoni).<br><br>**Nota**: jekk xi wħud mill-arranġamenti u l-kontrolli msemmija hawn fuq, jew kollha kemm huma, jagħmlu parti mis-sistema globali tal-assigurazzjoni tal-IT u tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni li għaliha d-ditta diġà ssottomettiet l-informazzjoni lill-NCA, allura d-ditta għandha tiġi mistiedna tipprovdi u tenfasizza l-kontrolli apposta implimentati fir-rigward tal-użu tad-DLT u tal-istrumenti finanzjarji tad-DLT. | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |

**(e) Arranġamenti biex jiġu rreġistrati u protetti l-fondi, il-kollateral jew l-istrumenti finanzjarji tad-DLT tal-membri, tal-parteċipanti, tal-emittenti jew tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2022/858**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' kustodja fis-seħħ biex jiġi evitat l-użu ta' tali assi mill-operatur proprju mingħajr il-kunsens minn qabel tal-membru, tal-parteċipant, tal-emittent jew tal-klijent ikkonċernat | | | |
| Informazzjoni dwar l-arranġamenti taż-żamma tar-rekords ta' tali assi miżmuma mid-DLT MI tagħhom għall-membri, il-parteċipanti, l-emittenti jew il-klijenti tagħhom, u dwar il-mezzi ta' aċċess għalihom | | | |
| Deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' segregazzjoni għal fondi, kollateral jew strumenti finanzjarji tad-DLT, u għal mezzi ta' aċċess għal tali assi, minn dawk tal-operatur kif ukoll minn dawk ta' membri, parteċipanti, emittenti u klijenti oħra | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |
| ***(f)*Miżuri ta' protezzjoni tal-investituri, kif imsemmija fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2022/858** | | | |
| Deskrizzjoni tal-miżuri stabbiliti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti prudenzjali previsti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014, fir-Regolament (UE) 2019/2033, fid-Direttiva 2014/65/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034, sabiex ikopru l-obbligazzjonijiet potenzjali għad-danni lill-klijenti tal-operatur tad-DLT MI bħala riżultat ta' kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2022/858 | | | |
| Deskrizzjoni tal-arranġamenti li jiżguraw il-protezzjoni tal-investituri u dimostrazzjoni li huma trasparenti u adegwati | | | |
| Deskrizzjoni tal-mekkaniżmi għall-indirizzar tal-ilmenti tal-klijenti | | | |
| Deskrizzjoni tal-proċeduri għall-kumpens jew għar-rimedju f'każ | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ta' telf għall-investituri jew il-waqfien tan-negozju | | | |
| Informazzjoni rilevanti oħra jekk applikabbli | | | |
| ***(g)*** **Strateġija ta' tranżizzjoni** | | | |
| Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' tranżizzjoni għat-tnaqqis tal-attività ta' jew it-tranżizzjoni minn, jew il-waqfien milli topera, DLT MI kif imsemmi fl-Artikolu 7(7) tar-Regolament (UE) 2022/858 | | | |
| Jekk applikabbli u jekk ikun hemm, deskrizzjoni tal-arranġamenti li ġew konklużi għat-teħid tal-kontroll tal-operazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikoli 7(8) u 7(9) tar-Regolament (UE) 2022/858 | | | |

*Tabella 3*

**Applikazzjoni għal permess biex jitħaddmu DLT MTF jew DLT TSS:**
**Eżenzjoni(jiet) għad-Direttiva 2014/65/UE u għar-Regolament (UE) Nru 300/2014**

***Dettalji li għandhom jiġu inklużi fit-talba għal eżenzjoni(jiet) f'konformità mal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2022/858***

Skont l-Artikolu 8(4)(h) tar-Regolament (UE) 2022/858, l-applikazzjoni għal permess speċifiku biex titħaddem DLT MTF għandu jkollha informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet li l-applikant ikun qed jitlob f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak l-istess Regolament, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba u kwalunkwe miżura kompensatorja proposta u l-mezzi li bihom biħsiebu jikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawk l-eżenzjonijiet.

Jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/858 għall-kundizzjonijiet speċifiċi marbuta ma' kull eżenzjoni. Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2022/858, l-applikant għandu juri li kull eżenzjoni mitluba hija:

- proporzjonata mal-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit u ġġustifikata bih; u
- limitata għad-DLT MTF u ma testendi għall-ebda faċilità multilaterali tan-negozjar oħra mħaddma minn dak l-applikant.

L-applikanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni lill-NCAs kif dettaljat fit-tabella ta' hawn taħt.

| *Eżenzjoni mitluba* | | *Ġustifikazzjoni qasira, il-miżuri kompensatorji proposti (jekk ikun hemm) u l-mezzi li bihom ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet* | *Dimostrazzjoni li l-eżenzjoni hija proporzjonata u ġġustifikata bl-użu tad-DLT* | *Dimostrazzjoni li l-eżenzjoni hija limitata għad-DLT MTF u li ma testendix għal kwalunkwe MTF oħra mħaddma mill-applikant* | *Numru ta' referenza uniku tad-dokument, Titolu, Kapitolu jew taqsima jew paġna fejn tingħata l-informazzjoni jew ir-raġuni għaliex l-informazzjoni ma ngħatatx.* |
|---|---|---|---|---|---|
| **Parteċipazzjoni Diretta tal-Bejgħ bl-Imnut**<br>L-Artikolu 53(3) u 19(2) tad-Direttiva 2014/65/UE | **Iva/ Le** | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | *[Test liberu]* |
| **Rapportar ta' tranżazzjonijiet**<br>L-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 | **Iva/ Le** | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | *[Test liberu]* |

*Tabella 4*

**Applikazzjoni għal permess biex jitħaddmu DLT SS jew DLT TSS:**
**Eżenzjoni(jiet) għar-Regolament (UE) Nru 909/2014**

***Dettalji li għandhom jiġu inklużi fit-talba għal eżenzjoni(jiet) f'konformità mal-Artikolu 5(2) sa (9) tar-Regolament (UE) 2022/858***

Skont l-Artikolu 9(4)(h) tar-Regolament (UE) 2022/858, l-applikazzjoni għal permess speċifiku biex titħaddem DLT SS għandu jkollha informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet li l-applikant ikun qed jitlob f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dak l-istess Regolament, il-ġustifikazzjoni għal kull eżenzjoni mitluba u kwalunkwe miżura kompensatorja proposta u l-mezzi li bihom biħsiebu jikkonforma mal-kundizzjonijiet marbuta ma' dawk l-eżenzjonijiet.

Jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 5(2) sa (9) tar-Regolament (UE) 2022/858 għall-kundizzjonijiet speċifiċi marbuta ma' kull eżenzjoni. Skont l-Artikolu 5(10) tar-Regolament (UE) 2022/858, l-applikant għandu juri li kull eżenzjoni mitluba hija:

- proporzjonata mal-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit u ġġustifikata minnu; u
- limitata għad-DLT SS u ma testendix għal sistema ta' saldu tat-titoli li hija mħaddma mill-istess CSD.

L-applikanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni lill-NCAs kif dettaljat fit-Tabella ta' hawn taħt.

| *Eżenzjoni* | *Mitluba* | *Ġustifikazzjoni qasira, il-miżuri kompensatorji proposti (jekk ikun hemm) u l-mezzi li bihom ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet marbuta mal-eżenzjonijiet.* | *Dimostrazzjoni li l-eżenzjoni hija proporzjonata u ġġustifikata bl-użu tad-DLT* | *Dimostrazzjoni li l-eżenzjoni hija limitata għad-DLT SS li għaliha jintalab permess speċifiku* | *Numru ta' referenza uniku tad-dokument, Titolu, Kapitolu jew taqsima jew paġna fejn tingħata l-informazzjoni jew ir-raġuni għaliex l-informazzjoni ma ngħatatx* |
|---|---|---|---|---|---|
| **Forma dematerjalizzata** (l-Artikolu 2(1)(4) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Ordnijiet ta' trasferiment** (l-Artikolu 2(1)(9) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Kontijiet tat-titoli** (l-Artikolu 2(1)(28) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Reġistrazzjoni ta' titoli f'forma dematerjalizzata** (l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Integrità ta' ħruġ** (l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Segregazzjoni tal-assi** (l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Miżuri għall-prevenzjoni ta' fallimenti tas-saldu** (l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Miżuri sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-saldu** (l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni lil parti terza** (l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Persuni fiżiċi u ġuridiċi oħra ammessi bħala parteċipanti** (l-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Rekwiżiti għall-parteċipazzjoni** (l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Trasparenza** (l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Proċeduri ta' komunikazzjoni mal-parteċipanti u infrastrutturi oħra tas-suq** (l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Finalità tas-saldu** (l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Saldu fi flus** (l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(8) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Aċċess permezz ta' konnessjoni standard** (l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(9) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Aċċess permezz ta' konnessjoni personalizzata** (l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(9) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |
| **Aċċess bejn is-CSD u infrastruttura oħra tas-suq** (l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014) L-Artikolu 5(9) tar-Regolament (UE) 2022/858 | □Iva/ □Le | *[Test liberu]* | *[Test liberu]* | *[test liberu/evidenza li r-regola ġenerali tapplika f'non-DLT MI oħra]* | |